MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 41/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Abboud Al Tlas**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Abboud Al Tlas**, ta′ tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Mahamed u Eda neé Kerham, imwieled Homes, Sirja, fl-10 ta′ Mejju 1992 u residenti Flat 4, ′Ta′ Sterfa Court′, Triq it-Tempju ta′ l-Imramma, Sannat, Ghawdex, detentur tal-Karta tal-Identita′ Maltija bin-Numru

117971(A), akkuzat talli nhar id-19 ta' Marzu 2015 ghall-habta ta' 00.30am gewwa Xlendi u f'postijiet ohra fi Gzira ta' Ghawdex b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom taghti setgha lill-privat li jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata arresta, zamm jew issekwestra lill-istess OMISSIS liema delitt sar fuq il-persuna minn dawk imsemmija fl-Artikolu 202(h) tal-Kodici Kriminali u dan bi ksur tal-Artikoli 86 u 87 tal-Kapitolu 9.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-imsemmija Debbie Said u l-familja taghha, u tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li l-Qorti jidhirlha li huma xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-ligi, jekk jidhirlha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Debbie Said u l-familja taghha sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 23 ta' April 2015 (*a fol.* 33) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 86, 87, u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet uhud mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jobbliga ruhu li bl-ebda mod ma kien ser idejjaq, jimmolesta jew ikellem lill-kwerelanta.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-kwerelanta tiddikjara bil-gurament li, in segwitu tal-obbligazzjoni tal-imputat imsemmija hawn fuq, hija kienet ser tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u semghetha wkoll tiddikjara li kienet ser taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri rigward dak li allegatament gara.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-kwerelanta tiddikjara li hija ma giet sfurzata minn hadd biex tasal ghad-decizjoni taghha kif imsemmi fil-paragrafu precedenti.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-Prosekuzzjoni, in segwitu ta' dak li gie dikjarat hawn fuq, tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk ghalqet il-provi taghha.

Rat illi fis-seduta tal-lum gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' April 2015 (*a fol.* 33).

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigu trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat, ghall-darba'ohra, ikkonferma l-obbligazzjoni tieghu kif imsemmi aktar il-fuq u semghetu wkoll jiddikjara li kien ser jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri u li ma kellux provi xi jressaq.

**Ikkunsidrat**

Illi, wara li l-Qorti hadet konjizzjoni tal-atti processwali kollha ta' dan il-kaz u kif ukoll ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti jirrizultalha li ma jezistux provi sufficjenti sabiex l-imputat jista' jinstab hati tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat Abboud Al Tlas hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha.
Finalment, in segwitu ta' dak li gie deciz hawn fuq, il-Qorti tichad it-talbiet tal-Prosekuzzjoni fic-*charge sheet* sabiex jigu applikati l-provvedimenti taht Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------